MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2004

Numru 113/1988

**Il-Pulizija**
**(Sp. J. M. Azzopardi)**
**(Supt. Alexandra Mamo)**

**vs**

**Joseph Borg ta’ 44 sena, iben il-mejjet Paul u l-mejta Felicita’ nee Mercieca, mwieled B’Kara u joqghod Flat 1, Pauline Flats, Triq il-Gandoffli, Bugibba.**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Borg li gie akkuzat talli fix-xhur ta’ qabel is-26 ta’ Gunju, 1987, f’dawn il-gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal xi haddiehor, f’xi dokument ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta’ taghrif falz. Barra

minn dan fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana akkuzat ukoll talli fis-26 ta’ Gunju, 1987 ghamel uzu minn box truck tal-marka Leyland Nru. Ta’ Reg TLM 182 R valur Lm 550, dazju Lm 302.50 biex jimporta f’Malta tlettax (13) il-kaxxa li kien fihom magni tal-loghob zarmati li kienu dikjarati falz fir-rapport tal-kargu valur Lm 3500, dazju Lm 2450 kif muri fin-nota ta’ qbid nru. 50/87 u talli f’Gunju, 1987 kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu zewg (2) cordless telepehones numri tas-serje B761515 u B 761518 Value Lm 50, dazju Lm 36 kif muri fin-nota ta’ qbid Nru. 8/88 lil-importazzjoni ta’ l-oggetti msemmija hi projbita jew ristretta u d-dazju fuqhom ma giex imhalas jew kawtelat bi ksur tal-Art. 6(5), u l-Art. 60 (a) (b) (c) u l-Art. 61 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) (m) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap 60 ta’ l-Edizzjoni Riveduta.

Rat lit Joseph Borg kien fl-interrogatorju wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat il-letter to prosecute mahruga mill-Kontrollur tad-dwana datata 23 ta’ Frar, 1988 ( a fol 5). L-istess letter to prosecute giet kkonfermata minn certu Paul Attard li rrediga l-istess wara li ezamina il-van, il-magni tal-loghob kif ukoll il-cordless telephones hemm imsemmija. Rat ukoll zewg seizure notes mahruga mill Kontrollur tad-Dwana dwar l-oggetti imsemmija maqbuda immarkati bhala Dok JA12 u JA 13 ( a fol 97 u 98 rispettivament) .

Minn ezami akkurat tal-provi jirrizulta li gew esebiti minn John Cauchi zewg cordlesss phones li l-Ispettur Azzopardi kien eleva wara search mir-residenza ta’ l-istess akkuzat Dok JC1 u JC2. L-istess xhud esebixxa wkoll box truck tal-marka Leyland numru ta’ agistazzjoni TLM 182R Dok JC3 , li fih kienu ngarru tlettax-il kaxxa kontenenti l-magni tal-loghob zarmati esebiti dawn bhala Dok JC4. Ghalhekk gew allura esebiti il-manifest tal-Malta Express li juri li l-vapur imsemmi wasal Malta fis-26 ta’ Gunju, 1987 u l-bill of lading li fih hemm referenza ghal vettura gia imsemmija u l-kontenut taghha imnizzel fuq

dan id-dokument bhala “ rifusa , video games “ esebiti dawn bhala Dok JC6 u JC 7 rispettivament.

Gew esebiti ukoll minn rappresentant tas-socjeta S.M.S. zewg veri kopji ta’ l-original tan-notice of arrival li turi li l-kontenut tad-deskrizzjoni ta’ l-oggetti mbarkati hu ta’ video game u l-bill of lading li titkellem dwar rifusa vidoe game, ( vide dok JC7) esebiti dawn bhala dok PS1 u PS2 rispettivament.

L-Ispettur Azzopardi spjega li kien hu li kien waqqaf it-truck imsemmi u fomalment esebit li kien qed jigi misjuq minn certu Paul Attard, appena dan it-truck kien zbarka minn fuq il-Malta Express. Paul Attard mistoqsi dwar il-kontenut tal-vettura wiegeb li kien video games. Mitlub jiftah il wara tal-vettura ghal inspection informa lil fizzjali tad-dwana u lil l-istess spettur li dan il-kontenut kien gia gie debitament spezzjonat, kif jirrizulta aktar tard mill-ittri rogatorji, mill ufficcjali tad-dwana Taljana qabel ma l-vettura bil-kontenut gia imsemmi, tgahbbiet fuq il-vapur gewwa Sqallija. Darba pero’ li nfethu dawn il-kaxxi fil-presenza ta’ l-Ufficcjal Prosekutur, fizzjali tad-dwana u l-istess Paul Attard irrizulta fi kliem l-ispettur li l-konenut kien “..hafna parti ta’ dak li ahna nsejhu kaxxi tal-loghob. Fosthom kien hemm dawk il-macchines tal-frott li jissejhu fruit grapghs. Dawn huma tal-machine one arm bended pero’ flok l-arm jintefghu l-flus fihom u jduru”. ( a fol 3). Ippreciza pero’ l-istess spettur li hu ma kienx espert fil-materja in kwistjoni.

Waqt din l-ispezzjoni l-istess Paul Attard kien infurmahom li t-truck u l-kontenut tieghu kienu fil-fatt propjeta ta’ certu Joseph Borg.

L-ispettur Azzopardi esebixxa wkoll dok JA10 u JA11 li gew elevati minghand l-akkuzat li huma il-foremulae T2 mahruga mid-dwana Ngliza fir-rispett tal-van TLM 182R u sitta u erbghin (46) strip down amusement machines and parts li tghabbew fuq il-vettura msemmija.

Jigi precizat ukoll li fil-fatt darba rintraccjat l-akkuzat, stante li darba maqbud it-truck mieghu kien hemm Paul Attard u l-akkuzat gie individwalizzat xi jumejn wara dan, infethu dawn l-kaxxi quddiemu darba li dawn ittiehdu go Mifsud Veranda. Ghalhekk skond ix-xhieda ta' P.C.1197, kien l-istess akkuzat li beda jghidilhom waqt din l-inspection x'kien il-kontenut li gie elenkat fil-lista esebita bhala dok JA3. a fol 50. Jinghad li fuq din il-lista insibu wkoll il-firma ta' l-istess akkuzat skond ma qal dan ix-xhud. Dan il-fatt huwa anke kkonfermat mill-fizzjali tad-dwana Joseph Diacono u Joseph Ciappara li rredigew fi kliemhom l-inventarju imsemmi fil-presenza ta' l-akkuzat. ( a fol 77).

Xehdu kif kien mistenni ufficjali tad-dwana li kienu prezenti kemm meta infetah l-ewwel darba t-truck kif nizzel minn fuq il-vapur fil-presenza ta' Attard kif ukoll meta sar id-debita inventarju tal-kontenut fil-presenza ta' l-akkuzat.

Portelli u Meli xehdu li t-tnejn kienu presenti meta intalab Attard li jiftah ghal inspection it-truck in kwistjoni. Hu kien infurmahom li lat-truck u lanqas il-kontenut ma kienu tieghu, kif ukoll lil kontenut kien gia gie inspezzjonat mill-ufficjali tad-dwana Taljana. Ghalih il-kontenut kien dak ta' computers. Darba miftuhin il-kaxxi instab pero' li fihom kien hemm reels ta' gambling machines. In kontro ezami dwar dan il-kontenut Portelli wiegeb li ghalkemm ma kienx kompetenti jghid jekk l-oggetti li ra kienux ta' computer, video games jew gambling macchines qal li;
"….li r-reel li jiena rajt fil-pakkett kienet certament ta' gambling machine u mhix ta' computer. Din hija haga li tingharaf u dwar l-affarijiet l-ohra jien mhix kompetenti li nghid ezattament x'kienu". ( a fol 73).

Min-naha tieghu Carmel Meli jghid ukoll li meta nfethu l-kaxxi fil-prezenza ta' Paul Attard hu ra bicciet tal-kaxxi tal-loghob. ( a fol 75).

Dwar il-kontenut ta' l-istess kaxxi xehed ukoll fizzjal tad-dwana iehor Paul Vassallo li kkonferma li kien hu li fuq struzzjoni ta' Carmel Portelli kien irtira il-bill of lading

minghand SMS, cioe Dok JA7. Qal ukoll illi darba miftuha l-kaxxi ra circuits tal-elettriku , bicciet tal-plastik u kien hemm ukoll crieki li jduru li hu kien jassoccja ma' magni tal-loghob dan peress ;
"… li maghhom kien hemm hafna stampi jew ritratti ta'….. li jintuzaw fil-gambling macchines." ( a fol 85).

Joseph Caruana semma li darba miftuha l-kaxxi gewwa sabu "…wires tal-elettriku kien hemm reels li fuqhom kien hemm stampati ritratti ta' frott u affarijiet simili. Tista' tghid li fil-kaxxi kollha kien hemm l-istess oggetti ripetuti." ( a fol 88).

Gie pruvat ukoll minn diversi xhieda li kull meta nfethu l-kaxxi u cioe' inkisru s-siggilli dan sar ghajr ghal meta kien prezenti biss Attard u l-kaxxi reggghu gew issiggilati, fil-presenza ta' l-akkuzat.

L-espert Dr. Louis Zammit Mangion mahtur fil-kors ta' l-Istruttorja sabiex jezamina u jistabilixxi n-natura ta' l-oggetti esebiti formalment minn John Cauchi, allura l-oggetti li ghalihom hemm referenza fin-nota ta' qbid gia msemmija, bil-fakolta jekk ihoss il-bzonn li jkun jista' jirtira xi kampjuni minn dawn l-oggetti biex jaghmel it-testijiet fuqhom li hu jidhirlu necessarju, esebixxa r-relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dok LZM. L-espert ikkonkluda hekk;

*"Consideration of the items identified in the three boxes opened indicates that the consignment consists mostly if not wholly, of the electrical, mechanical, and stuctural parts of a number of dismantled computer controlled gambling machines of the type known as "fruit macchines", where a set of rolls printed with various symbols (in particular, picture fruits ) are spun in the hope of obtaining certain combinations in order to win a monetary reward."* ( fol 127*)*

In kontro ezami xehed li l-konsenja kienet tikkonsisti f'bicciet li whud minnhom jintuzaw ghal uzu specifiku tal-magni originali u bicciet ohra ta' uzu generali. B'uzu specifiku ried jfisser ghal dawk il-bicciet li hu sab bhal fruit

reels li jintuzaw specifikament f'gambling machines. B'uzu generali ried ifisser li jista' jkun hemm computer unit li tidher li hija ntiza biex thaddem loghob ta varji tipi anke amusement machine.

Dwar il-fruit reels irrepeta li dawn ghandhom l-uzu specifiku biex jintuzaw go gambling machines.

Xehed ukoll certu Michael Zammit li rrakkonta dwar okkazjoni fejn l-akkuzat kien talbu go Sqallija li jnizzlu xi ammont ta' kaxxi pero' kienu lahqu ntervjenew id-dwana Taljana u spicca ma ghabba xejn. Dan ix-xhud innega li hu tela' Sqallija ghal dan l-iskop. Spjega li hu kien mar Sqallija bid-dghajsa tieghu ma' certu Loreto Buttigieg, anke dan xhud iehor li kkonferma dan il-fatt, biss ghall-iskop ta'sajd.

Rat ukoll din il-Qorti x-xhieda migbura permezz ta' l-ittri rogatorji wara li gew trasmessi ghat-tieni darba in kwantu l-ewwel set gie sfilzat kif jidher mill-atti, wara ordni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali. (Vide fol 261- 267 Decizjoni tal-Qorti msemmija 30.9.98)

F'din ix-xhieda migbura mill-awtoritajiet Taljani insibu li certu Romeo Ignazio li kien jikkmanda dak iz-zmien ta' l-incident in dezamina it-Tenenza della Gaurdia di Finanza di Noto. Jghid li hu jiftakar li kien hemm xi grupp ta' hames persuni fosthom Borg li kienu qed jipprovaw anzi kienu gia ghabbew parti minn merkanzija fuq dghajsa minn Marzamemi meta dan ma kienx port doganali u ghalhekk gie ordnat jiccekja u jiskortahom lejn Siracusa, minn fejn setghu jimbarkaw regolarment. Ftakar ukoll li kien hemm zewg persuni bl-isem ta' Joseph Borg.

Xhud iehor mismugh fil-kors ta' dawn l-ittri rogatorji kien certu Licasale Francesco li fiz-zmien in kwistjoni kien jikkmanda l-brigata della Guardia di Finanza di Marzamemi. Kien fil-kaz in kwistjoni ghamel il-kontroll tad-dokumenti u ra li l-merkanzija li kienet qed tigi imbarkataa

kienet mhux kif suspettat ta' armi u droga, pero' partijiet minn video games. Fil-fatt ghal dan ix-xhud l-unika irregolarita' li kkonstata kien li l-merkanzija kienet qed tigi mbarkata minn Marzamemi u ghalhekk in-nies involuti flimkien mall-vettura u l-merkanzija gew eskortati lejn il-port ta' Siracusa.  Jkompli wkoll dan ix-xhud fuq domanda ta' l-Avukat Difensur li l-merkanzija li  kienet qed tigi imbarkata kienet fid-deskrizzjoni taghha taqbel ma' dak li kien  hemm imnizzel fil-formula T2.  Ghal awtoritajiet Taljani ghalhekk l-uniku intopp legali li nstab kienet l-imbarkazzjoni  anzi tentattiv illegittimu ta' imbarkazzjoni minn post mhux permess u adekwat ghal dan l-iskop.

Rat ukoll li giet nominata traduttrici biex ittraduciet l-ittri rogatorji issa ammessi fl-atti bil-lingwa Maltija in kwantu dawn gew  migbura b'dik Taljana. Dok DB.

Rat l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali taht liema haseb li hemm htija u cioe  l-artikolu 188 u 533 tal-kap 9 u l-artikoli 6(5), 60(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Kap 37.

Rat li moqrija dawn l-artikoli l-imputat wiegeb li hu ma kellux oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll l-istqarrija rrilaxxata minn Joseph Borg. Senjalament fl-istess stqarrija Joseph Borg qal li hu kien mar l-Ingilterrra u minn hemm kien xtara l-box truck maqbud u dak kollu li kien hemm go fih ghajr ghal boat ladder li kien nizzlu bi pjacir ghal haddiehor.  Jghid li kif jidher fit-T2  forms fil-kaxex in kwistjoni hemm erbgha u sittin, 46 stripped down amusement machines and parts. Jghid li kien hu li saq l-istesss vettura mill-Ingilterra lejn Franza u wasal Siracusa. Hemm jirrakonta storja li hu kellu xi bagalji personali tieghu li ried iqieghed go wara tat-truck ghalhekk mal-kaxex, pero' kif kien se jiftah il-bieba ta' wara, ghalhekk tal-vettura llum maqbuda,  marru jigru fuqu l-pulizija Taljana  u waqqfuh  milli jaghmel dan. Ghalkemm hu ma kienx jaf x'inhuma jghidu pero' fehmhom bl-ghajnuna ta' Paul Attard li kien iltaqa'  mieghu

qabel meta kien qed jghaddi l-karti mad-dwana Taljana. Kien ghalhekk li dana Attard li beda jservi ta' interpretu. Kien ukoll Attard li ghamel pjacir lil Borg u tella hu t-truck fuq il-vapur stante li d-dwana Taljana ma hallietx lil Borg jghabbi l-bagalji fuq wara u quddiem ta' dan it –truck ma kienx jissakar. Zied l-istess Borg illi sa fejn kien jaf hu c-cwievet tal-vettura allura misjuqa minn Attard, kellhom jibqghu ghand tad-dwana Maltija u li hu kellu jibda l-proceduri ghall- import licence. Jghid ukoll Borg li hu baqa' darba li wasslu Malta hiereg minn fuq il-vapur u allura mit-terminal bhala passiggier.

Ikkonsidrat

In succint il linea difenzjonali mressqa mid-difiza jidher li jikkoncentraw maggorment fuq zewg linji u cioe n-nuqqas ta' mens rea u ta' actus reus. Tghid id-Difiza li l-van kif misjuq minn Paul Attard kien fil-fatt misjuq fil- customs area u kien l-agir tal-pulizija li pogga lil Attard u l-akkuzat f'sitwazzjoni ta' illegalita'. Jghid fil-fatt l-Avukat Difensur fin-nota tieghu li l-istess Prosekuzzjoni tammetti li l-van gie pparkajat fil-customs area. Punt iehor imqajjem mid-difiza hu l-punt fattwali meta ssir l-importazzjoni per se . Ghalhekk ingab il-paragun li jekk jigu prezentati knocked down gambling macchines fir-red channel tad-dwana ta' l-airport ma jistax jinghad li l-persuna tkun importat Malta tali makkinarju. Jargumenta fil-fatt l-istess Avukat Difensur li ghalhekk darba li l-van gie pparkajt fil-customs area, l-ufficcjali tad-dwana inghatw l-opportunita' li jispezzjonaw il-van u l-kontenut tieghu. Ghalhekk id-dwana giet moghtija l-opportunita li zzomm l-importazzjoni ta' dawk l-oggetti li huma hekk projbiti u thalli l-importazzjoni ta' dawk l-oggetti li taghhom setghet issir l-importazzjoni. Ghalhekk l-akkuzat kien ikun mizmum mid-Dwana milli jimporta r-reels, billi d-dwana kellha l-possibilta li tirrifjuta l-importazzjoni ta' l-istess.

Tikkontendi fil-fatt id-difiza li l-Prosekuzzjoni la rnexxielha tipprova l-actus reus ghaliex il-van gie ipparkjat ghal ispezzjoni fil-customs area u ghaliex giet segwita l-procedura normali u lanqas il-mens rea in kwantu ma hemm ebda prova ta' mala fede ghaliex kif dikjarat fid-dokumenti doganali, Borg kien se jipprova jarma amusement machine u mhux gambling machine. Dan jorbot ukoll ma' l-argument imressaq mid-Difiza u cioe li l-espert ikkonkluda li dawk il-bicciet li kienu ta' uzu generali setghu jintuzaw ukoll biex jithaddmu loghob ta' varji tipi anke amusement machines.

Id-Difiza ssemmi wkoll li tant ma kienx hemm intenzjoni ta' mala fede li kif irrizulta mix-xhieda migbura bl-ittri rogatorji, (li pero' tippunwalizza li gew presentati wara li nqraw l-artikoli) kemm il-van kif ukoll il-kontenut tal-kaxxi gew dissekwestrati mid-dwana Taljana.

Ikkonsidrat

Illi l-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak li qalet il-Prosekuzzjoni fin-nota taghha dwar l-interpretazzjoni li d-Difiza ghazlet li taghti l-fatti kif irrizultaw fil-kawza. Jidher li d-difiza qeghda titfa' tort fuq il-prosekuzzjoni ghal fatt li l-akkuzat spicca mressaq quddiem din il-Qorti bl-akkuzi lilu addebitati in kwantu ma giex moghti c-cans li jaghmel import licence , tant qed targumenta d-Difiza li t-truck gie mqieghed a dispozzjoni ta' l-ufficcjali tad-dwana u fl-opinjoni tad-Difiza inhareg illegalment mid-dwana mill-pulizija . Pero' tistaqsi din il-Qorti dana kollu minn fejn jirrizulta lid-Difiza?. Huwa vera illi fl-istqarrija tieghu l-akkuzat jghid li hu kellu l-intenzjoni li jakkwista import licence ghal oggetti li kien hemm fil-kaxex pero', xejn mill-agir tieghu ma jghin tali tezi. Dan qed jinghad ghaliex kif stqarr l-istess Borg hu wara li ta c-cavetta lil Attard li ghalhekk tellgha l-van bil- kontenut fuq il-vapur u anke zbarkah Malta, jkompli biex jghid li hu hareg bhala passiggier. Pero' ghalkemm izid li kellu l-intenzjoni li jakkwista l-import licence, allura l-mistoqija li ssegwi hija wahda ovvja; ghaliex Borg ma avvicinax l-ufficjali tad-dwana, identifika lilu nniifsu u individwalizza t-truck,

mhux halla lil Attard jiffaccja s-sitwazzjoni wahdu?. Tant Borg dana ma ghamlux illi l-Ispettur Azzopardi dam biex irrintraccah tant li l-ewwel inspection li saret tal-kontenut tat-truck lanqas saret fil-prezenza ta’ l-akkuzat imma ta’ Attard.

Lanqas ma tista’ taqbel il-Qorti mat-tezi tad-Difiza lil l-van instaq lejn il-customs zone, fatt dan li xorta mhux attribwibbli lil Borg. Fil-fatt il-van gie intercettat mill-Pulizija u l-Ufficjali tad-dwana u kien hemm li Attard intalab li jiftah il-kaxxi li kien hemm gol-van. Kien minn tali inspezzjoni li rrizulta li pulizija u l-ufficcjali tad-dwana li l-kontenut tal-kaxxi, in kwantu raw il-fruit reels, ma kienx jaqbel ma’ dak dikjarat per ezempju fuq il-bill of lading. Lanqas ma jista’ jservi ta’ attenwant il-fatt li Borg irnexxielu bid-dikjarazzjoni minnu maghmula fuq id-dokumenti esebiti johrog bla problema il-kaxex minn skrutinju doganali eseteri. Tant per ezempju li nsibu li ghal ufficjali Taljani l-uniku problema li sabu kien il-fatt li kien qed isir imbark minn port mhux awtorizzat ghalhekk. Fil-fatt hawn jitqajjmu punti ohra li jinhtiegu jigu kkonsidrati, l-ezami li sar minn ufficjali kemm Maltin kif ukoll esteri, ma jista’ qatt jipprevalixxi fuq dak li sar mill-espert imqabbad minn din il-Qorti u huwa fuq ir-risultanzi tieghu li din il-Qorti se tistrieh. Tfakkar ukoll din il-Qorti li fil-fatt l-ufficjali tal-Gaurdia di Finanza Taljana l-aktar li kienu preokkupati kien bil-possibilta’ ta’ tarffikar ta’ droga u armi, ghalhekk il-kontenut tal-kaxxi ma tantx jidher li induca nteress hlief ghal fatt li t-Taljani hassew il-bzonn li jinfurmaw bl-incident l-awtoritatijiet Maltin kif jidher mid-dokument JC. Hemm mistoqsijiet ohra f’din l-analizi tal-fatti, ghaliex Borg u shabu ghazlu li jghabbu l-van u l-kaxex fuq lanca tas-sajd mill-port ta’ Mazamemi fejn ma hemmx kontroll appozitu doganali u mhux minn portijiet ohra appozitament forniti? Ghaliex dan il-fatt qatt ma jissemma minn Borg fl-istqarrija tieghu, darba li ghazel li jaghti spjegazzjoni ta’ l-agir tieghu lill-pulizija? Ghaliex l-akkuzat fl-istqarrija qisu jaghti mpressjoni li fil-fatt hu kien ghadu kif iltaqa’ ma’ Paul Attard meta jirrizulta ben car mid-dokument esebit minn John Cauchi esebit bhala Dokument JC5 (rapport mibghut lill-Kontrollur tad-Dwana

minghand il-Gaurdia di Finanza) li l-istess Paul Attard kien wiehed minn dawk il-peresuni li ppruvaw anzi, kienu qeghdin jghabbu l-kaxex f'Marzamemi. Ghaliex kellu Borg jaghti c-cwievet tat-truck lil dan Attard, ma setghax ihalli l-bagalji hdejh waqt li hu stess jimbarka bit–truck imbaghad jinzel minn fuq it-truck u jzomm il-bagalji mieghu kif ghamel del resto meta imbarka bhala passiggier? Punt iehor li jimmerita wkoll skrutinju huwa ghala l-merkanzija giet dikjarata bhala video games rifusi meta zgur Borg kien konsapevoli mil-fatt li kien hemm il-fruit reels u bicciet ohra ta' makkinarju li jwassal biex jigu immontati gambling machines. Allura jekk hu ma kellu ebda intenzjoni li jimporta tali oggetti ghax ma kellux uzu ghalihom, ghaliex ried biss jimmonta amusement machines, ghalfejn ha l-izbrigu li jimpurtahom? Anke l-istess kumment maghmul mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu u cioe ghal mistoqsija ghala gab Malta kaxxi tal-loghob meta kulhadd jaf li dawn huma projbiti, hu wiegeb li jekk huma projbiti allura xtaq li jerga' jesportahom lejn l-Ingilterra, ma qalx pero' li ma kienx jaf li huma kaxxi tal-loghob!

Mill-analizi tal-fatti prodotti hija l-fehma ta' din il-Qorti li Borg wera mens rea cara biex bl-azzjoni tieghu idahhal f'Malta oggetti li importazzjoni taghhom hija projbita.

Tqum ghalhekk il-kwistjoni jekk fil-fatt kif graw il-fatti Borg kienx hati ta' importazzjoni u dan anke minhabba l-fatt li d-Difiza qed tikkontendi li darba li l-oggetti ma gewx dikjarati ghaliex gew mal-ewwel sekwestrati mill-awtoritajiet allura qatt ma ssuccediet l-importazzjoni ta' l-istess, allura ma tistax tinstab htija ta' dan.

Ma tistax il-Qorti anke f'dan il-kaz ma taqbilx ma' dak sottomess mill-Prosekuzzjoni fin-nota taghha u cioe li hemm differenza bejn dak li hu Duty Free Zone fl-ajruport u dak li huwa Customs Zone. Huwa ghalhekk fil-fatt li ghandu appena jsir l-izbark jsir il-clearance ta' oggett zbarkat mal-Ufficjali tad-Dwana dan dejjem against id-

dokumenti relattivi ghall-istess importazzjoni. Jidher li tali clearance lanqas biss giet attentata f'dan il-kaz. L-ewwelnett l-istess Attard lanqas biss kien fornit bid-dokumentazzjoni apposita ma' l-imbark u l-izbark ta' l-oggetti in kwistjoni u fit-tieni lok kif gia premess minn imkien ma jirrizulta li Joseph Borg prova, anke ad insaputa ta' Attard, jiddikjara, jhallas jew jikkawtela u jikklirja l-oggetti li gew zbarkati. Taqbel il-Qorti ma' dak sottomess mill-Avukat Difensur fin-nota tieghu li hawn non si tratta ta' importazzjoni klandestina, b'forza jew vjolenza jew tramite korruzzjoni ta' xi ufficcjal in kwantu ebda wiehed minn dawn il-fatturi ma rrizulta, pero' in vista ta' dak premess u cioe li Borg fi kliemu baqa' hiereg bhala passiggier u ebda hjiel ma nghata minnu tal-van u l-kontenut tieghu lil xi ufficcjali, hi tal-fehma li din l-istorja tmur oltre minn dak li rrizulta quddiemha. Dan qed jinghad ukoll in kwantu dak sollevat mid-Difiza li Borg qatt ma nghata cans li jhalli din il-merkanzija ghand id-dwana sakemm tinhareg id-debita import licence.

Ghaldaqstant qed issib lil Joseph Borg hati tar-reati kkontemplati taht l-artikoli 188 u 533 Kap 9, kif ukoll taht l-artikolu 62 Kap 37, rat ukoll l-artikoli 60 u 6(5) tal-Kap 37 u l-artikolu 17 tal Kap 9. Dwar il-piena, ikkonsidrat ukoll fattur ta' importanza kardinali ghal process gudizzjarju gust u cioe d-dewmien li bih kienet attribwita din il-kawza li certament ma kienx attribwibbli lil Borg, ghalhekk tali fattur jinhtieg jittiehed in konsiderazzjoni, fatt iehor li din il-Qorti trid tirrimarka fuqu huwa li l-vettura maqbuda ghand il-Kontrollur spiccat mahruqa! Rat il-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta vigenti fiz-zmien ta' l-akkuza u qed tikkundana lil Joseph Borg ghal hlas ta' multa ta' ghaxart'elef tmin mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm10,862.50) b'dan pero li wara li rat anke l-artikolu 11 tal-Kapitlu 9 konsiderando dak premess qed izzomm il-multa qua piena ghal htija taht l-artikolu 188 ta' l-imsemmi Kapitlu fil-minimu. Qeghda wkoll tordna l-konfiska tat-truck, dak li baqa' minnu, u l-kaxxi bil-kontenut taghhom kollu. Mhux qeghda ssib htija fil-konfront taz-zewg cordless phones maqbuda in kwantu temmen il-versjoni moghtija minn Borg fil-konfront ta' l-istess. Tordna wkoll lil

Borg ihallas dawk l-ispejjez gudizzjarji nkorsi f'din il-kawza.

Rat ukoll l-artikolu 14 tal-Kapitlu 9 u tawtorizzah li jhallas l-istess multa f'perjodu ta' tliet snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------